**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Numru: 134/2017**

Il-Pulizija

(Spettur Johann Fenech)

vs

**Walter Desira**

iben Carmelo, imwieled Pieta', fit-3 ta' Mejju, 1977, detentur tal-karta ta' l-identità numru 237377(M)

Illum 25 ta' Ġunju 2021.

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellant Walter Desira quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) akkużat talli:

> F'dawn il-Gżejjer fit-18 ta' Marzu 2011 u matul iż-żmien ta' qabel, cioe' dawn l-aħħar tliet xhur ta' qabel din id-data, b'diversi azzjonijiet magħmula minnu anke jekk fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li kienu magħmula b'riżoluzzjoni waħda, ikkoltiva l-pjanta Cannabis, u dan bi ksur tal-Artiklu 8(c), tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta Malta;
>
> Akkużat ukoll talli fl-istess żmien u ċirkostanzi f'dawn il-Gżejjer, kellu fil-pussess tiegħu il-pjanta Cannabis kollha jew biċċa minnha bi ksur ta' l-artikolu 8(d) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali ċirkustanzi li juru li ma kienetx għall-użu esklussiv tiegħu;

Akkużat ukoll talli matul ix-xhur ta' qabel it-18 ta' Marzu 2011 f'dawn il-Gżejjer, kellu fil-pussess tiegħu ir-raża meħuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża u dan bi ksur tal–artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex tissekwestra f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali l-flejjes u l-propjeta' mobbli jew immobbli kollha li jkunu dovuti lil jew ikunu jmissu lill-akkużat jew huma propjeta' tiegħu, kif ukoll sabiex il-Qorti tipprojbixxi lill-akkużat milli jittrasferixxi jew xort'oħra jiddisponi minn xi proprjeta' mobbli jew immobbli, u dan ai termini ta' l-artikolu 22A ta' l-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta u ta' l-artikolu 23A tal-Kodiċi Kriminali Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet wkoll mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tordna lill-imputat sabiex iħallas lir-reġistratur , l-ispejjeż kollha jew parti minnhom li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti jew periti fil-proċeduri, inklużi dawk ta' l-esperti li jkunu ġew maħtura fl-istadju tal-proċess verbal ta' l-inkjesta, f'dak iż-żmien u f'dak l-ammont bħal ma jkun ġie stabbilit fis-sentenza jew fl-ordni ai termini tal-artikolu 533 (1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tas-16 ta' Marzu, 2017 fejn il-Qorti sabet ħtija tal-ewwel u tat-tielet imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat u wara li rat l-Artikoli 8(a)(c), 22(2)(b)(i) u 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, ikkundannat lill-imputat għal piena ta' habs għal zmien għoxrin xahar u għal ħlas ta' multa ta' €3,000. Rat ukoll l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u kkundannat lill-imputat għall-hlas tal-ispejjeż peritali fl-ammont ta' €3,083.58.

Il-Qorti ordnat wkoll li jiġu konfiskati favur il-Gvern ta' Malta l-oġġetti kollha li dwarhom saru r-reati u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u immobbli oħra tal-ħati.

Rat ir-rikors tal-appellant Walter Desira tat-28 ta' Marzu, 2017 fejn talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma l-parti fejn sabitu ħati ta' l-ewwel u t-tielet imputazzjoni, fejn illiberatu mit-tieni mputazzjoni, u tgħaddi sabiex tbiddel il-piena nflitta.

Rat l-aggravji tal-appellant.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi matul is-seduta datata l-20 ta' Marzu 2019 l-appellant talab lil din il-Qorti sabiex tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga u dan a tenur tal-artikolu 8 *et seq* tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta.[1]

Rat illi permezz ta' digriet datat il-15 ta' Novembru 2019, il-Qorti laqgħat din it-talba u konsegwentement wara li assumiet il-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga, rreferiet lill-appellant quddiem il-Bord tar-Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga ai termini tal-artikolu 8(3) tal-istess Kapitolu 537 u ordnat il-komunika tad-digriet tagħHa lil dan il-Bord sabiex hu jottempera ruħu ma dak dispost fl-artikolu 8(10) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta u dan permezz ta' nota bil-miktub.

Rat ukoll in-nota ta'l-Bord datata l-20 ta' Jannar 2020 li ġiet debitament aġġornata nhar il-5 ta' Ġunju 2020, nhar id-29 ta' Settembru 2020, u nhar il-5 ta' Jannar 2021 rispettivament kif ukoll il-konklużjoni tal-Bord milħuqa nhar il-28 ta' Jannar 2021, u għalhekk fit-terminu preskritt mill-artikolu 8(5) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta, fejn ġie deċiż li l-każ tal-appellant Walter Desira ingħalaq b'suċċess.[2]

---

[1] Ara folio 359 tal-atti proċesswali.

[2] Folio 379, 386, 388, 392 u 396.

Rat illi minbarra dawn il-proċeduri penali l-appellant ma kellux proċeduri oħra pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell fejn konsegwentement is-subartikolu (6A) tal-Artikolu 8 tal-Kapitolu 537, ma jsibx applikazzjoni f'dan il-każ.[3]

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkunsidrat,**

Illi għalkemm l-appellant ressaq talba sabiex din il-Qorti tassumi il-funżjoni ta' Qorti dwar id-Droga, madanakollu huwa ma rrinunzjax għall-aggravji mqajjma minnu fir-rikors tal-appell tiegħu. L-appellant ma jqanqal ebda aggravju marbut mal-mertu, iżda jisħaq illi l-Qorti ma kellhiex tgħaddi għal konfiska tal-assi mobbli u immobbli appartenenti lilu u dan għaliex hu ma ġiex misjub ħati ta' xi aġir ravviżat fl-artikolu 24A(1) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta apparti għall-fatt illi l-artikolu 22(3A)(d) ma ġiex indikata fil-parti deċiżorja tas-sentenza appellata. Jgħid ukoll illi l-piena inflitta fuqu kienet waħda eċċessiva u sproporzjonata u li l-paraguni li għamlet il-Qorti bejn dan il-każ u l-każijiet ikkwotati minnha kienu odjużi peress illi ċ-ċirkostanzi f'dawk il-każijiet m'kellhomx x'jaqsmu ma dan il-każ. Finalment jisħaq ukoll illi hu kellu jibbenefika minn tnaqqis fil-piena kif maħsub fl-artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta u dan peress illi hu għadda lil pulizija l-informazzjoni kollha li kellu dwar mingħand min kien jixtri r-raża kif ukoll indika l-ħanut minn fejn xtara ż-żerriegħa tal-*cannabis*. Issa jekk il-pulizija minn naħa tagħhom naqsu milli jinvestigaw l-informazzjoni li hu pprovdilhom, hu ma għandu ibati ebda preġudizzju minħabba dan in-nuqqas.

---

[3] Folio 400.

Ikkunsidrat:

Illi mir-rapport tal-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga, u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula mill-Qorti fid-digriet tagħha tal-15 ta' Novembru 2019, jirriżulta illi l-appellant huwa kandidat idoneju sabiex fil-konfront tiegħu jiġu applikati d-dettami tas-subartikoli (7) u (8) tal-Kapitolu 537 li jiddisponu testwalment:

> ***(7) Fil-każijiet fejn jissejħu lura każijiet oħra skont it-termini tas-subartikolu (6) il-Qorti tista', minkejja kull liġi oħra, fil-każ fejn persuna tinsab ħatja, tiddeċiedi li ma tapplikax it-terminu minimu mandatorju ta' priġunerija jew l-esklużjoni tal-applikazzjoni tal-ordni ta' probation jew tas-sospensjoni ta'terminu ta' priġunerija applikabbli għal xi reat li, fir-rigward tiegħu, il-persuna akkużata tinsab ħatja:***
>
> ***Iżda l-Qorti għandha tieqaf milli tapplika t-terminu minimu mandatorju ta' priġunerija jew l-esklużjoni tal-applikazzjoni tal-ordni ta' probation jew tas-sospensjoni ta' terminu ta' priġunerija fil-każ biss li tkun sodisfatta fuq bilanċ ta' probabbiltajiet li r-reat li dwaru l-persuna akkużata nstabet ħatja kien prinċipalment attribiwibbli għad-dipendenza tagħha fuq id-droga.***
>
> ***(8) Fl-għoti tas-sentenza fil-każijiet li għalihom japplikaw is-subartikoli (5), (6) u (7), il-Qorti tista' wkoll tordna li kull reat li dwaru l-persuna akkużata nstabet ħatja, minbarra reat li għalih il-persuna akkużata ingħatat sentenza ta' priġunerija mingħajr l-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali, m'għandux jittieħed f'konsiderazzjoni għall-finijiet tal-ħruġ ta' ċertifikat tal-kondotta skont l-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta wara li jgħaddi perjodu li jkun minimu ta' sena u massimu ta' tliet snin mid-data tas-sentenza tal-Qorti sakemm il-ħati ma jsirx reċidiv.***

Illi mid-dokumenti annessi man-nota tal-Bord jirriżulta b'mod ċar illi l-appellant ikkopera bis-sħiħ fil-programm ta' rijabilitazzjoni. Hu kien dejjem konsistenti fl-għoti tal-kampjuni tal-urina li kien obbligat li jipprovdi darba fil-ġimgħa fejn skond dak irrapurtat dawn kienu kollha negattivi. In oltre minn dak illi xehed ukoll Leon Madden l-appellant huwa meqjus bħala '*a success story*' fil-ġlieda tiegħu kontra l-vizzju tad-droga, u llum huwa wieħed mir-*role models* għal vittmi oħra ta'l-abbuż u jifforma parti mill-iskema msejħa '*giving back*' tal-*Caritas* fejn joffri l-għajnuna tiegħu lil persuni oħra

maħkuma mill-vizzju. Kwindi il-Qorti hija tal-fehma illi l-appellant irnexxielu jegħleb il-problema ta' tossikodipendenza li kellu.

Illi mis-*social inquiry report* li ġie imħejji quddiem l-Ewwel Qorti[4] mill-Uffiċjal tal-Probation Svetlana Bezzina, irriżulta illi l-appellant kien dipendenti biss fuq il-*Cannabis* li hu beda jikkonsma f'eta' avvanzata, iżda rnexxielu jwaqqaf dan l-użu, li kien sar wieħed akut, meta għamel kuntatt mal-*Caritas* fis-sena 2011. Minn hawn hu baqa' jżomm kuntatt regolari mal-*Caritas* u kull test tal-urina li sarlu irriżulta dejjem fin-negattiv. Ħareġ mir-rapport illi l-użu li kien jagħmel l-appellant minn din is-sustanza kien marbut ukoll ma' kundizzjoni ta' dipressjoni li kien ibati minnha. Illum l-appellant għandu impjieg regolariżżat u huwa ffukkat sabiex jistabbilixxi ruħu fix-xogħol ta' sprajer u *panel beater*. Finalment l-appellant ilu mizzewweġ għal diversi snin u għandu żewġ itfal u illum għaraf il-ħtieġa illi jaħdem u jistinka sabiex jerġa jiggwadanja iż-żmiem mitluf mal-familja tiegħu minħabba l-abbuż tad-droga.

Illi għalhekk fid-dawl tal-fatt illi l-Qorti issa assumiet il-funzjonijiet ta' Qorti dwar id-Droga u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula, tqies illi l-aggravju imressaq 'il quddiem mill-appellant marbut mal-piena erogata mill-Ewwel Qorti jistħoqqlu akkoljiment. Fid-dawl tal-fatt ukoll illi l-appell ġie arġinat fil-parametri ta' din il-funzjoni li l-Qorti assumiet fuq talba tiegħu stess, tqies illi ma għandiex għalfejn tinoltra ruħha fl-aggravji minnu ntentat għajr għal dawk fejn jilmenta illi l-Qorti ma għandhiex tgħaddi għal konfiska ta'l-assi kollha tiegħu kif ordnat mill-Ewwel Qorti skond id-disposizzjonijiet ta'l-artikoli 24A(1) u 22(3A)(d) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi sabiex il-konfiska tal-assi tifforma parti mill-kundanna fir-reati dwar id-droga, l-akkużat irid ikun ġie misjub ħati li kkometta reat ta' traffikar, assoċjazzjoni fi traffikar

---

[4] Folio 232 tal-atti proċesswali.

u/jew importazzjoni tad-droga jew ta' pussess aggravat ta'l-istess. Issa l-appellant instab ħati ta'l-ewwel u it-tielet imputazzjonijiet lilu addebitati u cioe' tar-reati marbuta mal-koltivazzjoni tal-*Cannabis* fit-termini ta'l-artikolu 8(c) tal-Kapitolu 101, kif ukoll tal-pussess sempliċi tar-raża u tal-pjanta tal-istess droga. Issa mid-diċitura tal-liġi, inkluż allura dik imfassla fl-artikolu 22(1B) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta u li tagħti d-definizzjoni tat-terminu 'traffikar', jirriżulta illi inkluż f'din id-definizzjoni hemm l-koltivazzjoni iżda '*f'dawk iċ-ċirkostanzi li l-Qorti tkun sodisfatta li tali koltivazzjoni ma kenitx għall-użu esklussiv tal-ħati*'.[5] Jingħad ukoll illi fi żmien tal-għoti tas-sentenza mill-Ewwel Qorti kull koltivazzjoni kienet meqjus li taqa' fid-definizzjoni ta' 'traffikar', irrispettivament minn kemm il-pjanta ġiet ikkoltivata jew jekk kienx hemm indikazzjoni o meno ta' użu esklussiv. Dan jispjega allura għalfejn l-ewwel Qorti pproċediet bil-ħruġ ta' Ordni tal-konfiska favur il-Gvern tal-beni kollha tal-appellant, liema beni kienu soġġetti għal Ordni tal-Iffriżar maħruġ fi stadju inizjali tal-proċeduri. Issa fid-dawl ta' din l-emenda introdotta fil-liġi, il-konfiska ordnata mill-Ewwel Qorti ser tiġi revokata u dan għaliex tali konfiska ma għandhiex tkun konsegwenza tal-piena ġaladarba ir-reati li dwarhom instabet ħtija fl-appellant ma jaqgħux taħt xi wieħed minn dawk maħsuba fl-artikolu 22(3A)(d) u 24A(1) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi finalment il-Qorti tirrileva illi l-ilment ventilat mill-appellant illi kellha tapplika fil-konfront tiegħu dik il-mitigazzjoni fil-piena maħsuba fl-artikolu 29 tal-Kapitolu 101 ma jistħoqqilhiex akkoljiment. Dan qed jingħad sabiex l-aggravji imressqa mill-appellant jiġu ndirizzati, u dan ġaladarba huwa xortawaħda ser jibbenefika minn mitigazzjoni fil-piena fid-dawl tal-applikazzjoni favur tiegħu tad-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi l-assistenza mogħtija mill-appellant lil pulizija ċertament ma wasslitx għal dak maħsub fl-artikolu 29 u dan għaliex l-indikazzjonijiet minnu mogħtija dwar il-persuna jew persuni li minn għandhom huwa akkwista iż-żerriegħa u id-droga

---

[5] Din il-parti tal-artikolu 22(1B) daħlet fis-seħħ permezz tal-Att IV tas-sena 2020 fejn allura mhux kull koltivazzjoni huwa meqjus bħala traffikar tad-droga. Il-Qorti tqies li għandha tapplika dik il-liġi l-aktar favorevoli għall-imputat.

ma wassal għal ebda prosekuzzjoni billi din l-informazzjoni kienet waħda fjakka u dan kif jirriżulta mix-xiehda tal-Ispettur Johann Fenech.
Kwindi magħdud dan kollu u fid-dawl tal-fatt illi l-pulizija involuti f'din l-investigazzjoni ma kienux f'pożizzjoni jindagaw ulterjorment bl-informazzjoni limitata li ġiet ipprovduta lilhom mill-appellant, tant illi din ma wasslet għall-ebda arrest ta' terz jew terzi, huwa evidenti l-artikolu 29 tal-Kapitolu 101 ma seta' iservi ta' ebda benefiċċju għall-appellant.

Għalhekk tenut kont ta' dan kollu, il-Qorti hija tal-fehma illi f'dan il-każ, għandu japplika l-Artikolu 8(7) tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta u l-proviso tal-istess sub-artikolu b'dan għalhekk illi la darba l-Qorti hija sodisfatta illi r-reati li dwarhom l-appellant ġie misjub ħati kienu prinċipalment attribwibbli għad-dipendenza tiegħu fuq id-droga, ser tieqaf milli tapplika t-terminu minimu mandatorju ta' priġunerija jew l-esklużjoni tas-sospensjoni tat-terminu ta' priġunerija, altrimenti applikabbli għar-reat odjern. Tqis ukoll illi fid-dawl tan-natura serja tal-imputazzjoni li dwarha l-appellant instab ħati, sentenza ta' priġunerija sospiża hija il-piena idoneja.

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi wara li rat l-artikolu 8(7) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta, tilqa' l-appell interpost, tgħaddi għalhekk biex tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn l-appellant instab ħati tal-ewwel u tat-tielet imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u fejn ġie lliberat mit-tieni mputazzjoni, tikkonfermaha wkoll fejn ordnat id-distruzzjoni tad-droga kif ukoll ikkundannat lill-appellant għal-ħlas tal-ispejjeż peritali skond l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, iżda tvarja il-piena inflitta, u konsegwentement tgħaddi għalhekk biex tikkundanna lill-appellant Walter Desira għall-perijodu ta' sitt xhur (6) priġunerija, li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta dan il-perijodu ta' priġunerija qed jiġi sospiż għal żmien sentejn (2) mil-lum. Tirrevoka wkoll dik il-parti tas-sentenza fejn l-appellant ġie ikkundannat għal ħlas tal-multa ta' €3000 u minflok tikkundannah iħallas

multa ta' sitt mitt ewro (€600). Tħassar ukoll dik il-parti tas-sentenza appellata fejn ġiet ordnata l-konfiska tal-assi tal-appellant favur il-Gvern ta' Malta.

Il-Qorti qed twissi lil ħati bil-konsegwenzi skont il-liġi jekk huwa jikkometti reat ieħor matul il-perijodu operattiv ta' din is-sentenza.

Il-Qorti tordna wkoll illi dan ir-reat m'għandux jittieħed in konsiderazzjoni għall-finijiet tal-ħruġ ta' ċertifikat tal-kondotta skont l-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta u dan fid-dawl tad-dettami tas-subartikolu (8) ghal-artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta.

(ft) Imhallef

Vera Kopja

Joyce Agius
Deputat Registratur